

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Bucureşti (ir-Rumanija) fit-3 ta' Ġunju 2022 –
VS, TU, RW vs Ryanair DAC**

(Kawża C-362/22)

(2022/C 368/22)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Bucureşti

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: VS, TU, RW

Konvenut: Ryanair DAC

Domanda preliminari

L-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każi li ma jitħallew jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewnien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (¹), għandu jiġi interpretat fis-sens li jibbenfikaw mill-kumpens previst fl-Artikolu 7, ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 4(3), anki l-persuni li jivvja għaw mal-persuna li ma tħallietx titla' u li, għalkemm tħallew jitilgħu, ma għadhomx jixtiequ jew ma għadhomx interessati li jagħmlu l-vjaġġ mingħajr il-persuna li ma tħallietx titla?

(¹) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitulu 7, Vol. 8, p. 10.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunalul Satu Mare (ir-Rumanija) fl-10 ta' Ġunju 2022 – Nord Vest Pro Sani Pro SRL vs Administrația Județeană a Finanțelor Publice Satu Mare,
Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca**

(Kawża C-387/22)

(2022/C 368/23)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Tribunalul Satu Mare

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: Nord Vest Pro Sani Pro SRL

Konvenuti: Administrația Județeană a Finanțelor Publice Satu Mare, Direcția Generală Regională a Finanțelor Publice Cluj-Napoca

Domandi preliminari

Id-dispożizzjonijiet [tad-dritt tal-Unjoni] msemmija iktar 'il fuq jistgħu jiġu interpretati [fis-sens] li jipprekludu/ma jipprekludux sitwazzjoni legali bħal dik f'dan il-każi, fejn il-leġiżlatur Rumen jista' jittratta b'mod differenti, mil-lat fiskali, kumpanniji kummerċjali Rumeni li jwettqu attivitajiet bi skop ta' lukru fit-territorju tal-Istat Rumen minn dawk [li jwettqu attivitajiet bi skop ta' lukru fit-territorju ta' Stati oħra [Membri tal-Unjoni], b'tali mod li il-kumpannija rikorrenti li pprovdiet servizzi b'mod predominant fit-territorju tal-Awstrija u tal-Ġermanja ma tibbenfikax mill-eżenzjonijiet mit-taxxa li jibbenfikaw minnhom kumpanniji oħra fis-settur tal-kostruzzjoni li joperaw fit-territorju tal-Istat Rumen?]